**QORTI TAL-APPELL**

**(KOMPETENZA INFERJURI)**

**(TRIBUNAL TA' REVIZJONI TAL-AMBJENT U L-IPPJANAR)**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum il-Hamis, 28 ta' Novembru, 2019**

Numru 4

**Appell Nru. 34/2019**

**Tourist Information Co-operative**
**vs**

**L-Awtorita tal-Ippjanar**
**(gia l-Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar) u**
**l-kjamat in kawza Lawrence Azzopardi ghal**
**Blue Lagoon Ferries Co-operative**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-appell tat-terz interessat Tourist Information Co-operative tal-15 ta' Ottubru 2019 mid-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tat-3 ta' Ottubru 2019 kontra l-hrug tal-permess PA4091/17 favur Blue Lagoon Ferries Co-Operative 'to place ticket booth (class 4B) from mid-March to end of October including sign' fil-fond li jinsab fil-Port tac-Cirkewwa;

Rat ir-risposta tal-Awtorita li ssottomettiet li l-appell ghandu jigi michud u d-decizjoni tat-Tribunal konfermata;

Rat ir-risposta ta' Blue Lagoon Ferries Co-Operative li ssottometta li l-appell ghandu jigi michud u d-decizjoni tat-Tribunal konfermata;

Rat l-atti kollha u semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat id-decizjoni tat-Tribunal li tghid hekk:

Ikkunsidra:
Illi l-appellanti qed jinsistu illi l-applikazzjoni in mertu kellha tigi tratta b'mod simili ghall-applikazzjonijiet simili li gew rifjutati biswit is-sit inezami ghajr ghal-permess PA 1158/14 favur il-ko-operattiva bl-isem Comino Ferries Co-op Ltd. Illi l-appellanti ghamlu referenza ghall-applikazzjoni prezentata minnhom PA 66/17 biswit is-sit inezami li kellha tkun bazi ta' rifjut tal-applikazzjoni odjerna.

Illi dan it-Tribunal innota decizjonijiet ta' appelli numru 110/15, 112, u 116/15 fil-Marfa u appell numru 117/15 fic-Cirkewwa biswit is-sit inezami, ghal zvilupp simili mertu ta' dan l-appell, ossia ticket booth ghall-diversi operaturi, fejn fil-kaz tal-ahhar gie osservat dan li gej:
"Illi dan it-Tribunal mhux tal-fehma li hrug ta' permess simili adjacenti huwa raguni bizzejjed sabiex jigi gustfikat zieda fi strutturi fuq il-kosta, barra z-zona tal-izvilupp. F'dan il-kaz, il-Kummissjoni qieset l-impatt kumulattiv fiz-zieda ta' strutturi fuq il-jetty li ser iwassal ghall-impatt negattiv fuq ix-xenografija tal-madwar bhala materja ewlenijia ta' konsiderazzjoni kontra l-hrug tal-permess tal-izviluppp odjern.

Illi dan it-Tribunal qed jaqbel mal-konkluzzjoni tal-Kummissjoni meta wiehed iqies ukoll illi l-permess PA 1158/14 specifikament qed jindirizza l-problema ta' clutter ta' strutturi ta' ticket-booths billi diversi operaturi naghqdu f'kooperativa b'uzu ta' ticket-booth wiehed komuni fejn qed jigi gestit l-operat ta' servizz ta' garr ta' passigieri bejn Malta u Kemuna u ghaldaqstant ma jistax jitqies similjanti ghal kaz odjern."

Madankollu, fil-kaz odjern, hemm sitwazzjoni simili ghall-permess PA 1154/14, fejn l-permit holder huwa ko-operattiva raprezentanti ta' diversi operaturi li mhux membri tal-ko-operattiva tal-permess PA 1154/14. Minn naha l-ohra, ma jistghux lappellanti jilmentaw li l-applikazzjoni in mertu ma gietx trattata b'mod ugwali ghall-applikazzjoni minnhom prezentata ossia PA 66/17, b'dan illi f'tal-ahhar, il-Kummissjoni kienet propensa li tikkunsdra b'mod faverevoli l-applikazzjoni tenut li tigi prezentata minn ko-operattiva [Vide minuta numru 74 tal-ewwel laqgha tal-Kummissjoni tal-Ippjanar fl-inkartament tal-applikazzjoni PA 66/17], izda finalment l-applikazzjoni giet irtirtata mill-istess applikanti [Ibid. Vide ittra tal-11 ta' Mejju 2017, 91a], illum it-terzi persuni nteressati appellant.

Ghaldaqstant l-aggravji mressqa mill-appellanti ma fihomx mertu u l-appell qed jigi michud.

**Ikkunsidrat**

L-aggravju tal-appellant hu s-segwenti. Bazikament l-appellant mhux jattakka d-decizjoni tat-Tribunal per se izda qed jattakka digriet tat-Tribunal moghti fl-istess jum tad-decizjoni fejn cahad talba tal-Awtorita tat-Trasport li talbet sospensjoni tal-prolazzjoni tad-decizjoni biex tressaq informazzjoni li fil-fehma tal-appellanti seta' kellha riperkussjoni fuq l-ezitu tal-appell. Izidu li t-Tribunal messu sema x'kellha xi tghid l-Awtorita tat-Trasport biex iqis ir-rilevanza tal-informazzjoni. Isemmi li l-artikolu 9 tal-Kap. 551 jimponi fuq it-Tribunal li jirrispetta u japplika l-principji ta' mgieba amministrattiva tajba fosthom il-principju ta' audi alteram partem li f'dan il-kaz ma sehhx. L-appellanti ma kienx jaf x'ser iressqu bhala prova l-Awtorita tat-Trasport billi mhux xhud taghha u ghalhekk ma setghax iressaq din il-prova qabel ma ntalbet li titressaq.

L-aggravju tal-appellant ma ghandux mis-sewwa. Jibda biex jinghad illi l-Awtorita ghat-Trasport mhix parti fil-proceduri quddiem it-Tribunal. L-artikolu 11(1)(f) tal-Kap. 551 jghid illi t-Tribunal jisma u jiddecidi appelli maghmulin minn konsulenti esterni minn decizjoni mehuda wara applikazzjoni ghal permess ta' zvilupp, ghal tibdil fl-allinjament permezz ta' PC application u permess ghal progetti ta' interess komuni. Izda l-appell jista' jigi mressaq mill-konsulent estern li jkun pprezenta rakkomandazzjoni lil Awtorita tal-Ippjanar u fir-rakkomandazzjoni jkun jew indika li l-applikazzjoni tigi approvata soggetta ghal kondizzjonijiet jew li l-applikazzjoni hi oggezzjonabbli.

Dan l-artikolu jpoggi f'perspettiva cara r-rwol u poter tal-konsulent estern li hu bil-ligi obbligat jaghti l-parir tieghu lil Awtorita dwar l-Izvilupp li jkun qed jintalab. Dan ir-rwol jieqaf mal-Awtorita. Quddiem it-Tribunal, il-konsulent estern jista' jkun biss parti u ghandu locus standi jekk ikun ghamel rakkomandazzjoni <u>u</u> appella mid-decizjoni tal-Awtorita. Ma jassumi ebda rwol quddiem it-Tribunal anqas dak ta' amicus curiae, aktar u aktar meta f'dan il-kaz lanqas dritt ta' appell ma kellu billi quddiem it-Tribunal ma ressaq ebda opinjoni kif irid l-artikolu 11(1)(f) tal-Kap. 551.

Ghalhekk il-Qorti tqis illi d-digriet tat-Tribunal kien korrett safejn qies it-talba tal-Awtorita ghat-Trasport mhix flokha u mhix ammissibbli. Ma hemm ebda lezjoni ta' xi dritt ta' smigh xieraq kif jallega l-appellant. Dak li hu proceduralment inkorrett u

illegali qatt ma jista' jaghti lok ghal xi ksur specjalment meta lanqas hi l-parti li qed tappella li iccahhad lilha xi dritt. In oltre anki ghal kompletezza permess mahrug hu dejjem soggett ghal third party rights u kull parti ghandha l-jedd li tirregola ruhha skont il-ligi u bil-mezzi protettivi li taghti l-ligi. Bl-istess mod l-appellant ma gab ebda raguni ta' ksur ta' dritt tal-audi alteram partem billi mhux qed jilmenta li t-Tribunal naqas b'xi mod fil-konfront tieghu izda semmai fil-konfront ta' terz li ma ghandu ebda locus standi fil-process quddiem it-Tribunal.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-appell ta' Tourist Information Co-operative u tikkonferma d-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tat-3 ta' Ottubru 2019. Spejjez ghall-appellant.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur